*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 fil-5.00pm*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Kevin Barun (KB) |
| Vici-Sindku | Joe Cutajar (JC) |
| Kunsilliera | Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Leanne Grech (L.G.)<br>Josette Busuttil (C.M.)<br>Stanley Zammit (S.Z.)<br>Herman Schiavone (H.S) |
| **Skuzati** | nil |
| Segretarju Ezekuttiv | Svetlick Flores (S.F.) |

---

**Agenda għal-laqgħa :**

1. Indirizz mis-Sindku
2. Hidmet il-Kunsill għall-2015 u projezzjonijiet għall-2016
3. Prezentazzjoni ta' l-Estimi Annwali 2016
4. Suġġerimenti/Ilmenti mill-pubbliku

NB.
5.00 pm - Il-Kunsill iltaqa' sabiex tibda il-laqgħa madankollu, ma kienx hemm residenti preżenti.
5.15 pm – Wasal resident fl-ufficju amministrattiv.
5.20 pm – Bidu tal-Laqgħa annwali

**Talba**

Is-Sindku flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**01** **Indirizz mis-Sindku**

01/01 Is-Sindku fetah il-laqgħa annwali tal-lokalita' billi rringrazzja lil sħabu l-Kunsilliera u lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali għall-hidma tagħhom b'risq il-lokalita' matul is-sena 2015.

**02** **Ħidmet il-Kunsill għall-2015 u projezzjonijiet għat-2016.**

02/01 Is-Sindku KB qali li s-sena 2015, kienet sena ta sfida għall-Kunsill ta Birzebbuġa. fejn il-Kunsill żamm lura minn ħafna spejjeż, sabiex b'hekk isaħħaħ il-qagħda finanzjarja tiegħu, biex inwittu it-triq għas-snin li ġejjin.

02/02 Is-Sindku KB qal li l-Kunsill, matul l-2015, irnexxielu iħallas l-ammonti dovuti taħt l-iskema ta PPP li kien daħal għaliha fis-snin preċedenti, kif ukoll ifaddal kważi €90,000, biex b'hekk ikun f'pożizzjoni aħjar li jħallas l-ammonti pendenti relatati ma din l-iskema. Huwa qal li dan kien ifisser sagrafficju mit-twettiq ta proġetti kapitali ġodda, iżda ma naqasx milli jibqa jagħti il-massimu tiegħu fejn tidhol manutenzjoni tal-lokal u organizzazzjoni ta attivitajiet kulturali.

02/03 Is-Sindku KB qal li qed jiġi ippjanat li fis-sena 2016, il-Kunsill ser jibqa għaddej bl-istess ritmu. Ser tkompli issr manutenzjoni u attivitajiet oħra mandankollu, mhux ser isiru proġetti kapitali ġodda. B'hekk titjieb il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill fejn tidħol likwidita'.

**03** **Prezentazzjoni ta' Estimi Annwali 2016**

03/01 Is-Sindku KB imbagħad għadda sabiex jagħti spjegazzjoni tal-estimi tad-dhul u l-infiq tal-Kunsill Lokali matul l-2016

03/02 Is-Sindku spjega li kien qed ikun imbassar zieda fl-infiq fl-emolumenti u salarji, minhabba l-ingaċċ tas-Segretarju Ezekuttiv full-time, żieda ta impjegata klerikali sabiex naqdu lir-residenti aħjar, kif ukoll ż-żieda tal-increments.

03/03 Is-Sindku qal li l-Kunsill beħsiebu ikompli jaħdem iktar bil-għaqal fil-qasam tal-manutenzjoni u tal-operattiv. Din is-sena, il-Kunsill qed jerġa jirrevedi din l-ispiza rikorrenti sabiex inaqqas kemm jista jkun l-ispejjez, u dan permezz ta ħruġ ta offerti ġodda, kif ukoll mod differenti ta kif iqassam flusu.

03/04 Is-Sinku KB qal li fil-qasam kapitali l-Kunsill qed jistma nefqa totali ta' kważi €159,000 fejn €85,000 huwa infiq kommess diġà (li huwa hlas skema ta' PPP), u €74,000 huwa infiq kapitali ġdid bil-maġġior parti ffinanzjati mill-entitajiet / awtoritajiet oħra. Dawn ser jigu iddedikati sabiex tkompli tissebbaħ il-lokalita bi proġetti infrastrutturali fostom investiment fl-ambjent, u tisbieħ urban ieħor, iktar aċċessibilta għar-resident, fejn ser isir rinnovazzjoni minuri fl-ufficini tal-Kunsill u

ser titniehda website ġdida, u iktar aċċessibilta u informazzjoni għat-turist permezz ta' *Tourist trail.*

03/05 Is-Sindku KB qara l-estimi kkonsolidati tad-dħul u l-ħrug finanzjarji tal-Kunsill. Huwa qal li huwa stmat li l-Kunsill ser ikollu dhul ta' madwar €780,000, u total ta' €678,000 bħala hrug. Huwa informa li b'hekk il-Kunsill ser ikun qed iwarrab ftit iktar minn €100,000

03/06 Is-Sindku KB spjega ukoll il-progett kapitali ppjanati, fostom €9,500 investiment fl-ufficju amministrattiv f'aspetti varji, progett tal-funtana ġdida taht l-iskema tal-UIF b'valur ta €10,000, proġett ta tħaddir permezz ta siġar u pjanti iffinanzjat mid-direttorat tal-Parks b'valur ta €30,000, Street Lighting, proġett relatat mat-turizmu b'valur ta €12,000, u pagament tal-PPP b'valur ta €85,000.

**04** **<u>Suggerimenti/Ilmenti mill-pubbliku</u>**

04/01 Ma kienx hemm

Il-laqgħa spiccat fis-5:45 p.m.

**Kevin Barun**
**Sindku**

**Svetlick Flores**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 14/3/16